MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 95/2012

**L-Avukat Dr. Marisa Azzopardi (numru tal-karta ta' l-identita` 397979 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Joint Official Liquidators Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Akers tas-socjeta` estera *in official liquidation* Saad Investments Company Limited, kumpanija registrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, KY1 9006, Cayman Islands, bin-numru ta' registrazzjoni 36729**

**vs**

**Saadgroup Bank Europe Limited**
**( C – 42623)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-31 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ppremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata tinsab fi process ta' stralc fil-gurisdizzjoni tal-Cayman Islands;

2. Illi s-socjeta` estera rikorrenti sellfet lis-socjeta` ntimata s-somma ta' disa' mija u erbghin elf, hames mija u tnejn u tmenin dollaru Amerikan, (USD 940,582.00), ekwivalenti ghal seba' mija u sbatax –il elf, erba' mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€717,453.85);

3. Illi s-socjeta` ntimata wtilizzat l-ammont kollu lilha misluf;

4. Illi l-likwidaturi kitbu lis-socjeta` ntimata ghall-pagament lura tal-ammont lilha misluf izda din baqghet inadempjenti;

Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti nomine titlob is-segwenti:

1. Illi l-process jigi konkluz ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi s-socjeta` ntimata tigi dikjarata debitrici favur ir-rikorrenti nomine ghas-somma fuq indikata;

3. Illi l-istess socjeta` ntimata tigi konsegwentement kundannata thallas l-imsemmija somma lir-rikorrenti nomine;

4. U dan, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi sal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Sodisfatta li s-socjeta` ntimata fuq indikata giet debitament notifikata b'din il-procedura skont il-ligi permezz tal-pubblikazzjoni;

Tirrileva li nonostante dan, is-socjeta` ntimata baqghet in kontumacia;

Ikkunsidrat:

Illi skont l-affidavit tal-likwidatur esteru jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-istess likwidatur de quo kien hekk nominat mill-qorti kompetenti tal-Cayman Islands flimkien ma’ ohrajn, (ara fol 11);

2. Illi jikkonferma li l-istess socjeta` ntimata hi debitrici lis-socjeta` rikorrenti kif hawn rapprezentata min Dr. Marisa Azzopardi fl-ammont gia` fuq indikat;

3. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata kienet gia` mitluba taffettwa l-pagament minnha dovut, baqghet inadempjenti, (ara fol 11, paragrafu 7 u 10);

4. Illi dan l-istat ta’ fatt baqa’ ma nbidilx fil-gurisdizzjoni lokali, u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont id-dizinteress tas-socjeta` ntimata, din il-qorti m’ghandha l-ebda raguni ghaliex ma takkoljix it-talbiet tar-rikorrenti nomine stante li mhux kontradetti;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti nomine u konsegwentement in vista tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tiddeciedi l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont il-ligi, u:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata fuq indikata hi debitrici tar-rikorrenti nomine wkoll fuq indikata fl-ammont ta’ seba’ mija u sbatax –il elf, erba’ mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€717, 453.85);

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata fuq indikata biex thallas l-ammont hekk likwidat u ndikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` estera kif rapprezentata in atti mir-rikorrenti nomine fuq indikata;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-introduzzjoni ta’ din il-procedura sal-effettiv pagament.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------